MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 243/2013

**Y Z**

**vs**

**S M, L Z**

**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2014 A Z giet kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Y Z li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

(1) “Illi l-esponenti kien mizzewweg mal-konvenuta S M u miz-zwieg taghhom twieldet L Z fit-28 ta' Gunju 1990.

(2) Illi ricenternent l-esponenti sar jaf li l-konvenuta S M kienet wettqet adulterju matul iz-zwieg, u kien proprju b'konsegwenza ta' dan l-adulterju li tnisslet L Z.

(3) Illi fil-fatt l-esponenti m'huwiex il-missier naturali ta' L Z, u dan gie stabbilit anke bil-mezz ta' testijiet genetici, kif se jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

(4) Illi l-esponenti gie awtorizzat iressaq din l-istanza minkejja li ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid ta' L Z permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Ottubru 2013.

(5) Illi l-esponenti jaf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) tiddeciedi u tiddikjara illi huwa m'huwiex il-missier naturali ta' L Z;

(2) tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' L Z, liema att ghandu n-numru 3051/1990, kull referenza ghall-attur, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-attur u jekk l-istess missier ta' l-attur huwiex haj jew mejjet, l-eta' ta' l-attur u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-attur u li jidher mill-att tat-twelid citat, u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilhajidhrulha xierqa u opportuni.

(3) Tiddikjara lil kjamat in kawza A Z bhala l-missier naturali tal-konvenuta L Z u tordna l-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta S M, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenuti kollha u kontra l-kjamat in kawza A Z in solidum bejniethom.”

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

(1) “Illi preliminarjament, trattasi minn kawza ta' denegata paternita r-rikorrent jehtieglu jipprova u jissodisfa ta’ lanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

(3) Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex' attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa rn'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.”

Il-konvenuti S M u A Z ma pprezentawx risposta guramentata.

B'digriet tal-25 ta' Novembru 2014 gie kjamat in kawza A Z.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza A Z:-

1) “Preliminarjament, illi filwaqt li l-ligi tippermetti li l-esponent jigi msejjah fil-kawza, hux konsentit mil-ligi li jizdiedu talbiet godda li ma kienux jezistu meta giet istitwita 1-kawza. Dik ma tkunx korrezzjoni fis-sens tal-ligi ghaliex tbiddel is-sustanza.

2) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-esponent accetta li jissottoponi ruhu ghat-test tad-DNA flimkien ma' huh Y Z, u dakinhar irrizulta li l-esponent huwa tassew il-missier naturali ta' L Z. Ghalhekk, l-esponent jaccetta l-prova dwar il-paternita' tieghu fir-rigward tal-konvenuta L Z.

3) Illi rigward il-kap ta' l-ispejjez ta' din il-kawza, jirrizulta illi l-attur stess talab "Bl-ispejjez kontra S M". Ghaldaqstant, l-esponent ma jistax ibati l-ebda spejjez gudizzjarji. Inoltre, anke meta saret it-talba ghal zieda ta' domanda gudizzjarja gdida, l-attur naqas li jitlob il-kundanna ta' l-esponent A Z ghall-hlas ta' l-ispejjez, kollha jew xi parti minnhom."

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-attur Y Z xehed hekk:-

*"Jiena nikkonferma r-rikors guramentat tat-18 ta' Novembru 2013. Fis-sena 1984 kont izzewwigt lil S M xebba Curmi. Fiz-zwieg taghna jiena u S kellna zewgt itfal li kien jisimhom Lorraine u Maria. Lorraine hija t-tifla l-kbira li twieldet fit-18 ta' Marzu 1986 u t-tifla in kwistjoni L twieldet fit-28 ta' Gunju 1990. Jiena m 'ghadniex mizzewweg lil S M ghaliex z-zwieg taghna kien gie annullat wara li kienet twieldet L.*

*L li hija it-tifla in kwistjoni kienet qaltli illi jiena x'aktarx mhinix missierha. Kienet qaltli illi zijitha Teresa Z, fil-presenza ta' ommha S M, u fil-presenza tal-istess tfal ta' Teresa Z, bdiet tghid illi L stess hija oht it-tfal taghha stess jigifieri oht it-tfal ta' Teresa Z stess u li jigu wkoll it-tfal ta' hija A Z. L hassitha sorpriza u giet fuqi u riedet taf kif inhu dan. Dan id-diskors sar ftit qabel ma intavolajt il-kawza odjerna.*

*L it-tifla in kwistjoni llum il-gurnata ghandha erba' w ghoxrin sena u meta kien sar dan id-diskors minn Teresa Z, L kellha xi tnejn u ghoxrin sena. Jiena allura lil L offrejtilha illi jiena kont lest li naghmel id-DNA Test. Teresa Z f'dan id-diskors li qaltilha qaltilha wkoll illi hija (my brother) u jigifieri zewgha huwa missierha. Jiena lil hija kkonfrontajtu u hija stess ma sab ebda oggezzjoni li naghmlu DNA test.*

*Ghad-DNA test morna jiena, hija A Z, u L. Y Farrugia huwa Consultant Forensic Scientist. Meta morna biex naghmlu t-test ghandu huwa qalilna li kienu jezistu zewg tipi ta' test. Wiehed minnhom jintuza regolarment u fih sixteen tests mentri l-iehor fih wiehed u ghoxrin test u li jintuza meta jkun hemm close relatives, bhal fil-kaz tieghi. Huwa ghalhekk issuggerixxa dak it-test li jkun fih twenty-one tests. Qalilna li dan it-test isir fl-Amerka u ahna ghamilnieh. Hargu erba' tests, li tnejn minnhom tahom lit-tifla L, wiehed lili u wiehed lil hija. Minn dawn it-tests irrizulta illi jiena mhinix il-missier u l-missier huwa hija li jismu A Z.*

*Qed nipprezenta tlett certifikati. Dok. CFl li huwa ic-certifikat illi il-Consultant Forensic Scientist Y Farrugia tah lili. Dok. CF2 u Dok. CF3 huma certifikati li nghataw lit-tifla tieghi L jigifieri it-tifla in kwistjoni f'din il-kawza odjerna. L bhalissa hija imsiefra temporanjament. Fil-fatt dawn iz-zewg certifikati Doks. CF2 u CF3 li qed nesebixxi tathomli hi stess jigifieri L sabiex nesebihom.*

*Jiena ghamilt din il-kawza sabiex jigi dikjarat li jiena mhinix il-missier ta' L."*

Il-kjamat in kawza A Z, hu l-attur xehed illi huh l-attur kien talbu sabiex jaghmlu t-test tad-DNA. Ikkonferma li fiz-zmien li gie koncepita l-konvenuta L huwa kellu relazzjoni intima mal-konvenuta S M. Jghid li kien biss recenti li sar jaf li l-konvenuta L Z hija bintu.

L-attur ressaq b'xhud lix-Xjentist Forensiku Y Farrugia. Xehed hekk:-

*"Jiena qed nara lill-attur u lill-konvenuta L Z prezenti waqt din is-seduta. Kont hadt kampjun minn halq dawn it-tnejn minn nies li ghadni kif semmejt kif ukoll minn halq A Z sabiex isiru l-analisi tad-DNA u tigi stabbilita l-paternita. Dan it-test sar fl-ufficcju tieghi u kelli l-kunsens pertinenti tal-partijiet sabiex inkun nista naghmel dan it-test. Qed nigi muri d-dokumenti esebiti a Fol.44 u 45 u 46 u 47 tal-process u qed naghraf illi huma dokumenti tieghi. Il-kampjuni ttiehdu minn fuq L Z, Y Z, u A Z. lr-rizultati jindikaw ir-rabta u jigifieri huwiex Y Z jew inkella A Z l-missier naturali ta' L Z. Minn dawn ir-rizultati johrog li Y Z mhuwiex l-missier biologiku ta' L Z izda li A Z huwa 1-missier biologiku ta' L Z. Dawn it-testijiet saru f'Laboratorju fl-Amerka u jigifieri fid-DNA Diagnostic Centre li huwa centru ewlieni u ta' referenza ghal dawn it-tip ta' testijiet. Jiena jigifieri baghat dawn il-kampjuni ssigillati f'dan ic-Centru li qed insemmi. Dawn it-testijiet isiru wkoll f'Malta u nispjega li jiena konsulent mad-DNA Diagnostic Centre u m'ghadnix nahdem mal-Laboratorju ta' Malta. Ikolli hafna*

*kawzi bhal dawn tal-lum. Billi 1-kampjuni kienu ssiggillati u mibghuta l'Amerka u l-kampjuni kienu kollha ittikkettati kif suppost u billi l-laboratorju huwa wiehed akkreditat ukoll, wiehed m 'ghandux isib oggezzjoni sabiex dawn ir-rizultati jigu accettati minn naha tal-Qorti. Il-Qorti tal-Familja f'Malta diga accettat rizultati minn tad-DNA Diagnostic Centre li qed nirreferi ghalieh. Id-data li tidher fuq kull wiehed mid-dokumenti u jigifieri d-data tat-22 ta' April 2013 hija d-data ta' meta hareg ir-rapport."*

Il-konvenuta S M giet imsejha mill-attur sabiex taghti x-xhieda taghha:-

*"Jiena lil Y Z nafu u jiena nafu bhala r-ragel tieghi. Ahna zzewwigna fit-28 ta' Dicembru 1982. Ahna minn dan iz-zwieg kelna tifla wahda. Jiena qed nghid tifla wahda ghaliex ghamilna dan il-blood test u rrizulta illi t-tifla l-ohra li jisimha L Z mhijiex ta' Y Z. L Z naf ta' min hija u missierha huwa A Z li jigi hu r-ragel tieghi Y Z. Fiz-zmien li kienet koncepita L Z jiena kelli relazzjoni intima u sesswali ma' A Z. Jiena kont naf li L Z hija wild ta' A Z anke qabel ma sar dan it-test tad-DNA. Jiena ma kont ghidt lil hadd dwar dan. Jiena kont ghidt il-veS lil L Z u L Z fil-fatt riedet illi jsir dan il-blood test. Jiena kont ili li wrejtha b'dan anke qabel ma bdiet din il-kawza. L ma tatx kaz fil-bidu."*

Il-konvenuta L Z ukoll giet imsejha mill-attur sabiex taghti x-xhieda taghha:-

*"Jiena kont naf b 'xi haga illi missieri mhuwiex Y Z u ma kontx tajt kaz. Dan ghaliex jiena kont ghadni izghar. Fil-fatt ma kont kellimt lil hadd. Niftakar pero' illi qabel ma sar id-DNA Test intqal certu kliem mill-mara ta' A Z u dan qalituli fwicci. Qatli illi t-tfal taghha jigu huti. Jiena wara li qaltli dawn il-kliem ridt inkun certa minn dan li kienet qed tghidli u tkellimt. Fil-fatt eventwalment kienu saru d-DNA tests. Ir-rizultati ta' dawn it-DNA tests jikkonfermaw dak li qaltli il-mara ta' A Z. Kont tkellimt fuq dan u sar id-DNA test mal-ewwel."*

B'nota pprezentata fit-13 ta' Marzu 2015 l-attur ezebixxa l-att tat-twelid dettaljat tal-kjamat in kawza u dan ghall-finijet tal-konnotati tieghu.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Il-konvenuti S M u L Z huma kontumaci ghalkemm taw it-testimonjanza taghhom wara li gew imsejhin mill-attur sabiex jixhdu.

Il-kjamat in kawza A Z, filwaqt li fir-risposta guramentata tieghu ammetta li huwa missier il-konvenuta L Z, ressaq zewg eccezzjonijiet.

**L-Ewwel Eccezzjoni tal-Kjamat in Kawza.**

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu il-kjamat in kawza jeccepixxi illi ma kienx konsentit mil-ligi illi jizdiedu talbiet godda li jbiddlu s-sustanza tal-azzjoni attrici. Il-kjamat fil-kawza qed jirreferi ghad-digriet ta' din il-Qorti moghti fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu fuq talba tal-attur ziedet talba attrici sabiex jigi dikjarat li l-imsemmi A Z huwa missier il-konvenuta L Z filwaqt li kontestwalment ordnat il-kjamat in kawza tal-istess A Z.

**Artikolu 175 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi :-

" (1) Il-qorti tista’, f’kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta’ waħda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta’ waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża."

Jigi rilevat illi fiz-zmien li saret it-talba da parti tal-attur sabiex issir zieda fit-talbiet attrici, hadd mill-konvenuti ma oggezzjona. Inoltre iz-zieda fit-talbiet "ma bidlitx fis-sustanza l-azzjoni". L-azzjoni kienet u baqghet wahda ta' denegata paternita'. Li sehh ma kienx "bidla fis-sustanza" tal-kawza izda zieda ta' talba relatata mal-filjazzjoni tal-konvenuta Z.

Ghalhekk il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza.

Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni din giet sorvolata bid-digriet moghti waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar 2015.

**L-Azzjoni Attrici**.

**Artikolu 73 tal-Kap. 16**

Fil-każijiet illi r-raġel jista’ jagħmel kawża sabiex jiċħad li jagħraf tifel bħala ibnu, hu għandu jagħmel l-azzjoni:

*(a)* fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f’dak iż-żmien kien jinsab f’Malta;

*(b)* fi żmien sitt xhur minn dak in-nhar li jiġi lura f’Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;

(*ċ*) fi żmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi. Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-a rtikolu 70(4), il-Qorti tal-Familja tista’, wara li jsir rikors mir-raġel u, jekk ikun possibbli, wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-raġel u tat-tifel, f’kull żmien tawtorizza lir-raġel biex jibda kawża biex jiċħad tifel imwieled matul iż-żwieġ lil martu. Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud tifel issir mir-raġel wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (*a*), (*b*) jew (*ċ*) skont l-ewwel proviso ta’ dan l-artikolu, kull sentenza li biha t-tifel jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta’ xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta’ xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b’rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort’oħra.”

Jirrizulta mill-atti illi l-attur skopra fiz-zmien recenti li l-konvenuta L Z ma kenitx bintu. Kien ghalhekk illi qabel intavolta l-kawza odjerna huwa ottjena l-awtorizzazzjoni tal-Qorti b’digriet tat-8 ta’ Ottubru 2013.

It-test tad-DNA kondott minn Y Farrugia stabbilixxa minghajr ebda ombra ta’ dubju illi l-attur ma hux missier L Z u li missierha naturali huwa l-kjamat in kawza A Z.

Huwa minnu li inizjalment l-azzjoni attrici ma kinitx tikkontjeni talba fir-rigward tal-missier naturali izda wara li tresaqu l-provi tad-DNA zdiedet talba attrici fir-rigward ta' A Z li irrizultat li kienet fondata minhabba li gie sodisfacentement ippruvat illi A Z huwa missier L Z.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attur ma hux il-missier naturali tal-konvenuta L Z.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tar-Registru Pubbliku sabiex minn fuq l-att tat-twelid ta' L Z jikkancella l-isem u l-konnotati kollha tal-attur kif ukoll il-kelma "the said".

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara l-kjamat in kawza A Z bhala l-missier naturali tal-konvenuta L Z

.

4. Tordna li fl-att tat-twelid tal-konvenuta L Z jitnizzel bhala l-missier isem u kunjom tal-kjamat in kawza A Z inkluz il-konnotati tieghu kif jirrizultaw mill-att tat-twelid tieghu.

5. Tordna li l-konvenuta L Z tibqa' zzomm il-kunjom "Z".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta S M u l-kjamat in kawza A Z in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------